

**Emenda 6**  
**Eleni Theocharous**  
 f'isem il-Grupp ECR

**Rapport**  
**David McAllister**

A8-0350/2017

Rapport Annwali dwar l-implimentazzjoni tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni  
 2017/2121(INI)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 20**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

20. Jenfasizza li l-possibbiltà ta' relazzjonijiet aktar kooperattivi mar-Russja tiddependi fuq il-fatt li r-Russja taderixxi bis-sħiħ mal-ordni tas-sigurtà Ewropew u mad-dritt internazzjonali; jinsisti li l-UE għandha tibqa' miftuħa għall-possibbiltà ta' aktar sanzjonijiet gradwali jekk ir-Russja tkompli tikser id-dritt internazzjonali; itenni l-impenn tiegħu għall-indipendenza, is-sovranità u l-integrità territorjali tal-Ukrajna u tal-pajjiżi l-oħra tas-Sħubija tal-Lvant fi ħdan il-fruntieri tagħhom li huma rikonoxxuti internazzjonalment; jenfasizza li d-deċiżjoni tar-Russja tal-21 ta' Marzu 2014 li tinkorpora lill-Krimea fil-Federazzjoni Russa għadha illegali skont id-dritt internazzjonali, u jiddeplora d-deċiżjoni sussegwenti tal-awtoritajiet Russi li jimponu bil-forza l-passaport Russu fuq kull abitant tal-Krimea; jistieden lill-VP/RGħ u lill-Kunsill biex ikollhom rwol aktar attiv u effettiv fis-soluzzjoni ta' kunflitti ffriżati u mtawla;

20. Jenfasizza li l-possibbiltà ta' relazzjonijiet aktar kooperattivi mar-Russja tiddependi fuq il-fatt li r-Russja taderixxi bis-sħiħ mal-ordni tas-sigurtà Ewropew u mad-dritt internazzjonali; jinsisti li l-UE għandha tibqa' miftuħa għall-possibbiltà ta' aktar sanzjonijiet gradwali jekk ir-Russja tkompli tikser id-dritt internazzjonali; itenni, *f'dan ir-rigward*, l-impenn tiegħu għall-indipendenza, is-sovranità u l-integrità territorjali tal-Ukrajna u tal-pajjiżi l-oħra tas-Sħubija tal-Lvant fi ħdan il-fruntieri tagħhom li huma rikonoxxuti internazzjonalment; jenfasizza li d-deċiżjoni tar-Russja tal-21 ta' Marzu 2014 li tinkorpora lill-Krimea fil-Federazzjoni Russa għadha illegali skont id-dritt internazzjonali, u jiddeplora d-deċiżjoni sussegwenti tal-awtoritajiet Russi li jimponu bil-forza l-passaport Russu fuq kull abitant tal-Krimea; jistieden lill-VP/RGħ u lill-Kunsill biex ikollhom rwol aktar attiv u effettiv fis-soluzzjoni ta' kunflitti ffriżati u mtawla;

Or. en